# Ix-Xirka tal-Malti fil-Każin San Gejtanu



Dun Frans Camilleri....l-ex Dirċttur Spiritwali ta' l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu kien jinkoraġġixxi lill-membri tax-Xirka tal-Malti għat-Tfal

**❋ It-Tieni Gwerra Dinjija (1939-45) kienet għadha sejra bil-qilla kollha, għalkemm il-bogħod minn xtutna; aħna, li dak iż-żmien konna fit-tfulija tagħna, dilettanti tal-kitba, b'imħabba u ħerqa lejn ilsien pajjiżna u msieħbin fix-*Xirka tal-Malti għat-Tfal*, konna niltaqgħu fil-każin ta' l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu.**

Il-kumitat kien ġentilment jislifna waħda mill-kmamar ta' fuq tal-każin għall-laqgħat tagħna li kienu jsiru spiss. Biex ngħid hekk, kien bis-saħħa ta' dan il-każin li aħna, tfal imsieħbin fix-Xirka, kellna post fejn niltaqgħu għall-attivitajiet tagħna. U għalhekk il-każin tal-Banda San Gejtanu kien mhux biss ta' ġid u fejda għall-għan tagħna imma wkoll ta' inkoraġġiment għalina.

Ix-*Xirka tal-Malti għat-Tfal* kienet ġiet imwaqqfa mis-sur Kelinu Vella Haber, raġel ħabrieki u enerġiku, li taħt it-tmexxija għaqlija tiegħu, bl-inkoraġġiment li kien jagħti u bit-tagħlim siewi fl-ilsien Malti, kienet għaqda popolari fost it-tfal u ż-żgħażagħ. Din ix-Xirka ġġenerat ġid kbir u kienet ta' fejda lejn ilsien artna u ħafna rnexxew u ħarġu minnha bħala kittieba tajbin.

Ix-Xirka kellha ħafna fergħat imxerrda ma' Malta u l-attivitajiet tagħha rawwmu u ħarrġu boton u ġenerazzjoni ġdida ta' kittieba ta' l-ilsien Malti. Is-sur Kelinu (kif konna nafuh), kien membru attiv ta' l-**Għaqda tal-Malti,** illum magħrufa bħala l-**Akkademja tal-Malti**. Kellna wkoll jinkuraġġina ħafna, "minn wara l-kwinti", lil mibki Dun Frans Camilleri; kien diġà poeta magħruf sewwa u wkoll kien bis-saħħa tiegħu li sibna kenn f'dan il-każin għall-attivitajiet tagħna.

Dik il-ħabta Dun Frans Camilleri kien għadu kif beda jqaddes, kien mimli bil-ħeġġa u biż-żgħożija u lilna, it-tfal tax-Xirka tal-fergħa tal-Ħamrun, kien jimlina bl-entużjażmu u l-imħabba lejn ilsien artna. U b'hekk, bl-użu ta' sala żgħira ġol-każin ta' San Gejtanu, bdiet ħidma siewja li kienet ta' fejda u ta' servizz għal pajjiżna, għalkemm kien jinsab fi stat ta' gwerra.

F'dik is-sala li l-kumitat tal-każin għoġbu ġentilment jislifna mingħajr l-ebda ħlas, konna nħejju l-kitbiet tagħna (bil-Malti) għax-xandir minn fuq ir-*Redifusion*. Dik il-



**Membri tax-Xirka tal-Malti għat-Tfal li organizzaw Akkademja Mużiko-Letterarja fil-Każin tal-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun fil-15 ta' Settembru, 1945 (l-awtur ta' l-artiklu jidher kokka r-raba' mix-xellug).**

ħabta konna mmorru sabiex inxandru l-programmi tagħna min-*Knight's Hall* (illum nafu l-post bħala *Dar il-Mediterran*), fejn kien hemm l-istudios tax-xandir tar-*Redifusion*. Dak il-blokk bini qadim u storiku kien nofsu mġarraf bil-bombi u konna nxandru l-programmi tagħna "live" u kienu l-aktar ta' xeħta letterarja. Ġieli xandarna wkoll radjudrammi u konna aħna tax-**Xirka tal-Malti**, li konna l-pijunieri tar-radjudrammi bil-Malti. Il-provi ta' dawn ix-xandiriet kienu wkoll jsiru fil-każin tal-Banda San Gejtanu u l-programmi, barra li kienu jkunu suċċess, kienu jinstemgħu f'kull rokna ta' Malta.

Fil-laqgħat tagħna, barra li konna nitgħallmu mmexxu dawn il-laqgħat bil-proċedura meħtieġa, konna naqraw xogħlijiet ta' kittieba magħrufa tal-Malti u xogħlijiet tagħna l-imseħbin li kien ikollhom kritika tajba u serja. Ix-Xirka kienet torganizza ħarġiet kulturali u kompetizzjonijiet tal-kitba, fejn anki kienu jingħataw diplomi u premjijiet.

Minn żmien għal żmien fil-Każin San Gejtanu kienu jsiru akkademji mużiko-letterarji li għal dawn, il-kumitat tal-Każin San Gejtanu, kien jislifna ġentilment jew is-sala l-kbira t'isfel jew inkella l-bitħa spazjuża tiegħu. Għal dawn l-attivitajiet kienu jattendu diversi membri, kif ukoll il-familji tagħhom. Tista' tgħid li l-post kien ikun dejjem mimli.

Kienu ħafna li fi tfulithom trawmu fi ħdan ix-**Xirka tal-Malti għat-Tfal**, kemm bħala kittieba tal-Malti u kemm bħala mużiċisti u b'imħabba lejn pajjiżhom taw il-kontribut siewi tagħhom. Bis-saħħa tal-Każin San Gejtanu, l-imseħbin tal-fergħa tal-Ħamrun kellhom fejn jiltaqgħu għall-attivitajiet kulturali tagħhom u kellhom l-inkoraġġiment meħtieġ. J'Alla din il-ħaġa ssir f'postijiet oħra ta' dawn il-gżejjer.

**Angelo Dougall.**